

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)**

10159/19

**ECOFIN 614
UEM 217
SOC 466
EMPL 355
COMPET 495
ENV 586
EDUC 301
RECH 334
ENER 338
JAI 695
FSTR 117
REGIO 153**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9930/19 - COM(2019) 506 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Estonja għall-2019 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 506 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Estonja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Din qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ttabbar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Estonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ("Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro"), li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ("ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Estonja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro kif muri fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) hawn isfel. B'mod partikolari, il-miżuri li jiffokaw il-politika ekonomika marbuta mal-investiment fuq l-oqsma speċifikati ser jgħinu biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investiment.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-Estonja tal-2019 ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Estonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Estonja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 24.

- (4) L-Estonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 fit-30 ta' Mejju 2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019 fit-30 ta' April 2019.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati waqt l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Attwalment, l-Estonja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 ġie ppreżentat fuq bażi ta' ebda bidla fil-politika. Il-Programm jipprevedi li l-pajjiż jgħaddi minn defiċit pubbliku ġenerali ta' 0,6 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal defiċit ta' 0,2 % tal-PDG fl-2019, 0,3 % tal-PDG fl-2020 u li jirreġistra defiċit ta' 0,7 % tal-PDG sal-2022. Abbażi tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid⁶, l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju, stabbilit għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali, mhuwiex ippjanat li jintlaħaq matul il-perjodu kopert mill-Programm ta' Stabbiltà għall-2019. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG mistenni li jonqos għal 5,3 % tal-PDG sal-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ippjanati ma ġewx speċifikati, għalhekk joħlqu riskju għas-suppożizzjonijiet tar-rendiment tad-dħul.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (7) Fid-dawl tat-tbassir tal-ħarifa tal-2018 tal-Kummissjoni, li pprevediet pożizzjoni eqreb lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019, u li huwa konsistenti mar-regoli għat-tneħħija mill-iffriżar tal-aġġustament meħtieġ, ir-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta tal-gvern jenħtieġ li ma taqbiżx l-4,9 %, li għall-2019 tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,3 %. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit għall-2019.
- (8) Fl-2020, fid-dawl tad-distakk fl-output previst ta' 2,7 % tal-PDG għall-Estonja u t-tkabbir previst tal-PDG li hu inqas mir-rata stmata ta' tkabbir potenzjali, ir-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta jenħtieġ li ma taqbiżx l-4,1 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni għall-2019, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit għall-2020. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-2019 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus saret prijorità għall-Estonja fl-isfond tal-iskandli kbar ta' ħasil tal-flus. L-Estonja saħħet il-qafas tagħha kontra l-ħasil tal-flus u l-proporzjon ta' depożiti ta' persuni mhux residenti fis-settur bankarju Estonjan naqas b'mod sinifikanti. Madankollu, għad fadal xi sfidi. Filwaqt li l-gvern Estonjan introduċa miżuri u linji gwida addizzjonali dwar kif tista' tissaħħaħ aktar il-prevenzjoni f'dan il-qasam, għadha ma ġietx adottata mill-Parlament Estonjan inizjattiva leġislattiva bl-għan li jiżdiedu l-kapaċitajiet tas-superviżjoni fuq il-ħasil tal-flus. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri, ladarba jiġu adottati.

- (10) In-nuqqas ta' hiliyet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-hiliyet huma fost l-ostakli ewlenin għall-investiment tan-negozji u jillimitaw żidiet akbar fil-produttività. F'dawn l-aħħar snin, l-Estonja implimentat riformi komprensivi iżda x-xejriet tas-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol jippreżentaw sfidi fit-tul għas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dawn l-isfidi jinkludu rata li għadha għolja ta' tluq bikri mill-iskola, ir-riorganizzazzjoni mhux kompluta tan-netwerk tal-iskola; ir-rilevanza insuffiċjenti għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; u l-isfidi marbuta mat-tixjiħ tal-għalliema u l-attraenza baxxa tal-professjoni. Għalkemm il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti qiegħda titjieb, it-titjib tal-hiliyet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol mhux qed jipproċedu b'mod mgħaġġel biżżejjed biex ilaħħqu max-xejriet tas-suq tax-xogħol. Il-kapaċità insuffiċjenti għall-innovazzjoni tinsab fil-qalba tal-ħtiġijiet tal-hiliyet identifikati. Minkejja l-persentaġġ għoli ta' speċjalisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, it-taħriġ fil-hiliyet diġitali li jipprovdu l-intrapriżi huwa limitat. It-titjib tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz tal-investiment fil-gwida għall-karriera, l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola u l-antiċipazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet tal-hiliyet, jgħinu biex jiġi żgurat li l-persuni jkunu mgħammra bil-hiliyet xierqa. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema, il-kwalità tat-tagħlim u l-politiki tal-edukazzjoni b'reazzjoni għax-xejriet demografiċi u ekonomiċi jsaħħu l-kapaċità tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- (11) Minkejja t-titjib, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza fil-introjt għadhom għoljin, partikolarment fost l-anzjani. Madwar 42 % ta' dawk li għandhom 65 sena u aktar kienu friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-2017 meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 15 %. Il-benefiċċji soċjali għadhom mhumiex effettivi fit-tnaqqis tal-faqar u x-xibka tas-sikurezza soċjali hija dgħajfa. Il-provvista ta' servizzi soċjali ta' kwalità tajba u affordabbli hija mxejjla minn koordinazzjoni dgħajfa bejn is-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali u minħabba l-varjazzjoni wiesgħa fil-kapaċità tal-muniċipalitajiet li jidentifikaw il-ħtiġijiet għas-servizzi soċjali u jwassluhom. L-individwi jridu wkoll ikopru parti kbira mill-ispejjeż tas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet. In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul tal-Estonja kienet inqas minn nofs il-medja tal-Unjoni (0,6 % tal-PDG meta mqabbla ma' 1,6 % tal-PDG fl-2016). Ma hemm l-ebda miżura preventiva jew sistema ta' appoġġ biex jittaffa l-piż tal-persuni li jindokraw b'mod informali. Il-proporzjon ta' persuni bi ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati jibqa' wieħed mill-ogħla fl-Unjoni (11,7 %) li jindika problemi ta' aċċessibilità u effettività fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Dawn l-isfidi jindikaw il-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa affordabbli u ta' kwalità tajba b'mod integrat, u li jiġi żvilupp qafas ta' kura fit-tul komprensiv. L-investimenti li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali, inkluż fl-infrastruttura soċjali, irawwmu t-tkabbir inklużiv.
- (12) Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ta' 25,6 % fl-2017 tibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni u hija xi ftit akbar mis-sena preċedenti. Barra minn hekk, l-impatt tal-istat ta' ġenitur fuq l-impjieg tan-nisa huwa ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni (25,2 u 9,0 % rispettivament). Il-livell fit-tul tal-ġenituri ta' sikwit jirriżulta fi progressjoni tal-karriera aktar kajmana għan-nisa. Teżisti x-xejra li n-nisa jaħdmu f'setturi ekonomiċi u impjieg b'pagi aktar baxxi anki jekk il-livell tal-edukazzjoni tagħhom ikun ogħla minn dak tal-irġiel. Miżuri introdotti dan l-aħħar żiedu l-flessibilità fis-sistema ta' benefiċċji u tal-livell tal-ġenituri bl-għan li jkun faċilitat ir-ritorn tal-ġenituri fil-post tax-xogħol. L-użu tal-kura tat-tfal qed jitjieb. Madankollu, fatturi bħalma huma l-attività ekonomika, l-impjieg, l-età, l-esperjenza tax-xogħol jew il-ħin tax-xogħol jispjegaw biss parti mid-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, li tħalli distakk mhux spjegat ta' 20 % meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 11,5 %. It-trasparenza fil-pagisti ta' tgħin biex jinftiehem aħjar ir-raġunijiet għal din id-differenza għolja bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. L-investiment kontinwu fil-kura tat-tfal u fil-miżuri attivi fis-suq tax-xogħol jgħinu l-impjieg tan-nisa. Barra minn hekk, l-involviment mas-sħab soċjali u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom jibqgħu importanti f'kuntest usa'.

- (13) Bħala pajjiż periferali b'densità ta' popolazzjoni baxxa, sistema tat-trasport interkonnessa u li taħdem tajjeb hija kruċjali għall-attivitajiet ekonomiċi u l-esportazzjonijiet tal-Estonja. L-infrastruttura tat-trasport tal-Estonja qed tiffaċċa xi nuqqasijiet f'termini ta' konnettività u sostenibbiltà. It-trasport bil-ferrovija u intermodali għadu mhux żviluppat biżżejjed. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu dawn l-aħħar ħames (5) snin. Soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli ulterjuri jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi ta' konġestjoni u dawk relatati mat-trasport pubbliku. Is-sinkronizzazzjoni tas-sistema tal-elettriku tal-Estonja man-network Ewropew kontinentali hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fir-reġjun Baltiku kollu. L-investiment fl-infrastruttura jgħin biex titjieb il-kompetittività tal-kumpaniji Estonjani.
- (14) B'livelli baxxi ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, speċjalment min-naħa tas-settur privat, il-produttività tal-Estonja għadha lura. Filwaqt li fl-2017 in-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kienet kemxejn taħt il-medja tal-Unjoni, l-investiment kummerċjali kien biss ta' 0,61 % tal-PDG — madwar nofs il-medja tal-Unjoni. Hemm proporzjon baxx ta' kumpaniji, b'mod partikolari fost l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SME's"), li jirrapportaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. In-nefqa fl-innovazzjoni mhux marbuta mar-riċerka u l-iżvilupp qed tonqos u l-kollaborazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozji hija dgħajfa. Xi wħud minn dawn il-fatturi qed ixejnklu l-prestazzjoni tal-pajjiż fi kwistjonijiet ta' innovazzjoni u ta' produttività. Investiment aktar immirat fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, inkluż fid-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-kumpaniji jżid il-produttività u l-kompetittività tal-Estonja. Prijoritizzazzjoni aħjar ta' suġġetti ta' riċerka f'oqsma ta' rilevanza għall-ekonomija tagħmel l-istess ħaġa. L-awtoritajiet Estonjani fasslu u implimentaw diversi miżuri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni iżda l-impatt tagħhom għadu limitat sal-lum.

- (15) Għadhom jeżistu l-isfidi fl-oqsma tar-riżorsi u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-prestazzjoni tal-ekoinnovazzjoni tal-Estonja ma tirriflettix bis-sħiħ il-potenzjal tal-pajjiż, u l-punteġġ tal-ekoinnovazzjoni kompost tagħha ta' 60 huwa 40 % taħt il-medja tal-Unjoni. Minkejja xi titjib f'dawn l-aħħar snin, il-prestazzjoni tal-Estonja hija madwar tliet darbiet taħt il-medja tal-Unjoni f'termini ta' produttività tar-riżorsi u d-distakk mal-bqija tal-Unjoni qed jikber. Proporzjon żgħir biss tal-SME's Estonjani qed jieħdu azzjonijiet biex itejbu l-effiċjenza tar-riżorsi tagħhom u jsiru aktar ekoloġiċi. Barra minn hekk, l-ekonomija hija intensiva ħafna fl-użu tal-enerġija, b'livelli ta' konsum tal-enerġija li huma ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni. Ir-reġjuni Estonjani kollha qegħdin lura fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija. B'0,4 % fl-2017, l-Estonja kienet tinsab ferm taħt il-miri nazzjonali tagħha ta' sehem ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport. It-trawwim tal-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija, b'mod partikolari fis-settur tal-bini, u l-appoġġ tal-ekonomija ċirkolari, inkluż permezz ta' żieda fl-investment, ikompli jikkontribwixxi għal ekonomija aktar kompetittiva u sostenibbli.
- (16) Il-proċeduri ta' insolvenza fl-Estonja jieħdu madwar tliet snin u r-rata ta' rkupru hija f'it ogħla minn 40 %. Dan iżomm lura r-riżorsi finanzjarji u tax-xogħol f'kumpaniji inqas produttivi. Idgħajjef l-inċentivi għall-investment u l-forniment ta' finanzjament lill-impriżi. Ir-riforma tal-qafas tal-insolvenza tkun importanti bil-ħsieb li titqassar id-durata tal-proċedimenti tal-insolvenza u tiżdied ir-rata ta' rkupru għall-kredituri. Dan jista' jinkludi, b'mod partikolari, t-tteggig tal-użu ta' proċedimenti ta' ristrutturar qabel u wara l-insolvenza u l-prevenzjoni ta' likwidazzjoni bl-imqietà ta' kumpaniji.
- (17) L-ipprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D għar-rapport tal-pajjiż għall-2019. Dan ikun jippermetti lill-Estonja li tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali.

- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Estonja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-opinjoni tiegħu⁷ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tiegħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta ma taqbiżx l-4,1 % fl-2020, li tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tiżgura superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.
2. Tindirizza n-nuqqas ta' hili u trawwem l-innovazzjoni billi ttejjeb il-kapaċità tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol . Ittejjeb l-adekwatezza tax-xibka tas-sikurezza soċjali u l-aċċess għal servizzi soċjali affordabbli u integrati. Tiegħu miżuri biex tnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż billi ttejjeb it-trasparenza fil-pagi.
3. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investiment fuq it-trasport sostenibbli u l-infrastruttura tal-enerġija, inklużi l-interkonnnessjonijiet, fuq it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni, u fuq l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁷ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.